# L-għażliet dwar ir-rati u r-riliff mit-taxxi tal-Aerotropolis tal-Punent ta' Sydney

Settembru 2021 | valuergeneral.nsw.gov.au

Jekk int irċevejt Avviż tal-Valutazzjoni wara li ż-żona ġiet allokata mill-ġdid u int imħasseb dwar il-ħlas tar-rati u t-taxxa fuq l-art tiegħek, għandu mnejn tista' tingħata għajnuna.

Int tista' tkun tista' tikklejmja rilif mir-rati mill-Kunsill tiegħek (il-Kunsill ta' Liverpool jew tal-Belt ta' Penrith) u/jew rilif tat-taxxa fuq l-art mir-Revenue NSW.

Ir-rilif mir-rati jista' jista' jkun disponibbli skont s585 tal-Att tal-Gvern Lokali tas-sena 1993 u r-rilif tat-taxxa fuq l-art jista' jkun disponibbli skont s62K tal-Att tal-Maniġment tat-Taxxa tal-Art tas-sena 1956.

## Rilif tar-rati

Jekk l-art tiegħek qed tintuża bħala residenza waħda jew bħala art rurali u l-art tiegħek reġgħet ġiet rivalutata wara li ż-żona ġiet allokata mill-ġdid, (bħal ngħidu aħna rigward Intrapriża jew Użu Mħallat), mela int għandek mnejn tista' titlob rilif mill-ħlas ta' kwalunkwe żieda fir-rati u/jew taxxa fuq l-art dovuta minħabba l-fatt li int irċevejt valur ogħla tal-art.

Dan ifisser li int tista' tippostponi l-pagament ta' kwalunkwe rati ekstra jew taxxa pagabbli ekstra fuq l-art.

## Djar u propjetà residenzjali

Jekk l-art tiegħek qed tintuża bħala residenza waħda int ser tkun iċċarġjat rati u jew taxxa fuq l-art ta' dik il-parti tal-art tiegħek li qed tintuża bħala r-residenza waħda tiegħek u l-pagamenti eċċessi jistgħu jiġu postponuti, mbagħad mħassra wara ħames snin.

Pereżempju:

Maria għandha 2 etteri ta' propjetà u l-valur tal-art tagħhom żdied minn $2 miljuni għal $10 miljuni wara li ż-żona ġiet allokata mill-ġdid. Iż-żona li Maria kienet tuża għar-residenza u l-bitħa tagħha hi 1,000 metru kwadru li għandha valur tal-art ta' $500,000 għal dan l-użu.

Maria tista' tapplika għar-rilif tal-klassifikazzjoni għax l-art hi s-sit ta' residenza waħda. Ir-rilif tal-klassifikazzjoni li Maria tista' tuża ifisser li hi tħallas biss rati u taxxa fuq l-art fuq il-$500,00 u l-$9,500,00 li jibqa' ikunu postponuti.

## Propjetà rurali

Minkejja l-fatt li ż-żona ġiet allokata mill-ġdid, jekk l-art tiegħek qed tintuża għall-skopijiet rurali int tista' titlob rilif mill-ħlas ta' żieda fir-rati u / jew taxxa fuq l-art li minflok tista' tkun iċċarġjata fuq il-valur għall-użu bħala art rurali. Kwalunkwe pagamenti żejda jistgħu jiġu postponuti, imbagħad imħassra wara ħames snin.

Pereżempju:

Joseph għandu propjetà ta' 10 ettari u juża din l-art tiegħu għall-skopijiet rurali. Il-valur tal-art ta' Joseph żdied għal $40,000,000 wara li ż-żona ġiet allokata mill-ġdid. L-art ta' dan id-daqs fiż-żona lokali li tista' tintuża biss għall-skopijiet rurali għandha valur ta' $12,000,000.

Joseph jista' japplika għar-rilif tal-klassifikazzjoni għax l-art qed tintuża bħala art rurali. Joseph jista' juża r-rilif tal-klassifikazzjoni u dan ifisser li hu jħallas biss ir-rati u taxxa fuq l-art fuq $12,000,000 u l-bqija ta' $28,000,000 ikun postponut.

## Biex tapplika għar-rilif

Għal rilif tar-rati, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-kunsill lokali tiegħek:

Kunsill ta' Liverpool: 1300 362 170 jew sib formola tal-applikazzjoni fuq: https://www.liverpool.nsw.gov.au/council/rates

Il-Kunsill tal-Belt ta' Penrith: (02) 4732 9676.

Rigward it-taxxa fuq l-art, jekk jogħġok ikkuntattja lil Revenue NSW fuq 1300 139 816 jew permezz tas-sit tal-web f' www.revenue.nsw.gov.au/taxes-duties-levies- royalties/land-tax/exemptions-and-concessions

## Kundizzjonijiet

Jekk li l-applikazzjoni tiegħek għar-rilif tkun irnexxiet, int ser tħallas rati u/jew taxxa fuq l-art fuq dan l-ammont iżgħar sakemm l-użu tal-art jinbidel jew tbigħ l-art tiegħek.

Meta jseħħ dan, int ser tħallas biss ir-rati u t-taxxa fuq l-art li għandek tagħti sa l-aħħar 5 snin u s-snin ta' qabel jitħassru.

**Mistoqsijiet?**

Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok ikkuntattja lill-linja telefonika t'apposta tal-għajnuna tal- Valuer General (Istimatur Ġenerali) fuq 1800 458 884 jew il-Valuer General ta' NSW fuq 1800 110 038 jew +61 2 6332 8188 (internazzjonali).

© Il-Kuruna bi dritt ta' NSW permezz tal-Valuer General , 2021. Int tista tikkopja, tqassam u tuża b'mod ieħor bla ħlas din il-pubblikazzjoni, basta tistqarr li l l-Valuer General huwa l-propjetarju. P21/10/016.